MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 1099/2012

**Alfred Joseph Baldacchino (ID. 460737(M))**

**VS**

**Small Properties Limited (C 29977)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors guramentat ta' Alfred Joseph Baldacchino (ID. 460737(M)) tal-1 ta'Novembru 2012 li jaqra hekk:

1. *Illi l-attur huwa kreditur tal-konvenut fis-somma ta' tmienja u hamsin elf, mitejn u erba' u tletin Euro u tlieta u tletin centezmu (€58,234.33) rappresentanti din is-somma self skont kuntratt datat 17 ta' Settembru 2007 fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar (Dok A).*

2. *Illi dan l-ammont huwa cert,likwidu u dovut.*

3. *Illi l-konvenut m'ghandhux eccezzjonijiet validi x'jaghti in kontro-trattazzjoni ghat-talbiet attrici u ghalhekk jippersistu c-cirkostanzi kontemplati fl-artikoli 167-170 tal-Kap. l2 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogghobha:-*

(i) *Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur ta' l- artikoli 167-170 tal-Kap. 12.*

(ii) *Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tmienja u hamsin elf, mitejn u erba' u tletin Euro u tlieta u tletin centeznu (€58,234.33)*

*Bl-ispejjez inkluz dawk ta' ittra ufficjali datata 11 ta' Mejju 2011, l-imghax u l-konvenut ingunt in subizzjoni."*

Rat id-digriet taghha tat-2 ta'Novembru 2012 fejn appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghad-29 ta'Novembru 2012 fid-9:15am;

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lis-socjeta' intimata skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta' Small Properties Limited (C-29977) tal-11 ta'Dicembru 2012 (a fol. 17a) li taqra hekk:

1. *Illi l-ammont mitlub mhux dovut jew mhux dovut kollu stante l-pagamenti effettwati mill-esponenti.*

2. *L-esponenti ma taqbilx li ghandha taghti lill-attur l-ammont indikat minnu f'din il-kawza.*

*3. Salvi eccezzjonijiet ohra*."

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-tratttazzjoni;

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti rat u ezaminat il-provi tal-attur Alfred J. Baldacchino permezz tal-affidavit tieghu illi fih ikkonferma bil-gurament illi s-somma indikata fir-rikors promotorju tirrizulta minn kuntratt ta' self Dok. A fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Cassar datat 17 ta'Settembru 2007. Kif jidher mill-affidavit tar-rikorrenti a fol. 7 l-ammont shih ghadu ma thallasx.

Illi jirrizulta minn Dok. C a fol. 8 illi s-socjeta' intimata giet notifikata bl-ittra ufficjali – vide fol. 9, mibghuta lilha ghal hlas.

Illi mbaghad mid-dokument AJB a fol. 20 u Dok. A a fol. 21 r-rikorrenti jaghti xhieda dettaljata ta kif kien sar is-self u ghal-liema raguni.

Il-Qorti rat il-verbali tal-10 ta'Gunju 2013, tat-28 ta' Novembru 2013, tad-9 t'April 2014, tat-18 ta' Gunju 2014 illi jindikaw l-opportunitajiet moghtija inutilment lis-socjeta' intimata sabiex tressaq il-provi taghha.

Il-Qorti rat ukoll il-verbal tal-avukat difensur tas-socjeta' intimata tas-7 ta'Lulju 2014 illi fih l-avukat difensur tas-socjeta' intimata iddikjara illi is-socjeta' intimata ma kellhiex x'izzid mal-provi li diga gew prodotti.

Jirrizulta mill-provi prodotti mir-rikorrenti illi is-socjeta' intimata ma hallsitx is-somma ta' tmienja u hamsin elf mitejn u erba' u tletin Euro u tlieta u tletin centeznu (€58,234.33) mislufha lilha mir-rikorrenti, liema self kellu jithallas fi zmien disa' xhur mid-data tal-kuntratt.

Illi kif jirrizulta minn affidavit tar-rikorrenti a fol. 20 l-uniku hlas illi sar mid-data tal-kuntratt kien hamest elef Euro (€5,000) akkont tal-imghax mis-17 ta'Gunju 2008 'l quddiem. Ir-rikorrenti spjega illi il-kuntratt Dok.A, kien kuntratt ta' self bla imghax ghall-ewwel disa' xhur mid-data tal-kuntratt tas-self (vide fol. 5 l-ahhar paragrafu).

Dawn il-provi ma huma bl-ebda mod kontradetti ghaliex is-socjeta’ intimata ma ressqet ebda prova biex b’xi mod tikkontesta it-talbiet tar-rikorrenti.

**Ghall dawn il-motivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonjiet tas-socjeta’ intimata, tastieni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba tar-rikorrent in vista tal-awtorizzazzjoni taghha datata 29 ta’Novembru 2012 sabiex is-socjeta’ intimata tipprezenta r-risposta guramentata; tilqa’ it-tieni talba tar-rikorrenti u tikkundanna lis-socjeta’ intimata thallas lir-rikorrenti Alfred Joseph Baldacchino s-somma ta' tmienja u hamsin elf, mitejn u erba' u tletin Euro u tlieta u tletin centezmu (€58,234.33)**

**Bl-ispejjez inkluz dawk ta' ittra ufficjali datata 11 ta' Mejju 2011, l-imghax kontra s-socjeta’ intimata.**

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------